

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

**2008/2026(BUD)**

10.9.2008

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009  
(C6-0000/2008 - 2008/2026(BUD))

Taqsimha III - Kummissjoni

Rapporteur: Miloš Koterec

PA\_NonLeg

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fi tmiem l-ewwel tliet xhur tal-2008 il-Kummissjoni Ewropea setgħet tapprova l-oqfsa ta' Strateġija Nazzjonali u b'hekk tnaqqas ir-riskju ta' dewmien bla bżonn bħal dak li ġara fil-bidu tal-perjodu preċedenti ta' pprogrammar. Għandu jkun innutat f'dan il-punt li għall-kuntrarju ta' ċerti oqsma ta' politika, filwaqt li l-prijoritajiet globali huma stabbiliti fir-regolamenti rilevanti, u l-allokkazzjoni ta' riżorsi mqassma bejn is-27 Stat Membru fis-sena ta' qabel il-bidu tal-perjodu ta' pprogrammar<sup>1</sup>, l-allokkazzjoni preċiża ta' finanzjament tal-proġetti differenti f'livell nazzjonali tiddependi mill-qafas ta' referenza strateġika tal-Istat Membru, u d-dħul tal-fondi tal-Komunità għall-programmi operazzjonali miftiehma.

Għalhekk wieħed ifakkar li "***Iċ-ċifri kollha għall-fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni ġejjin mill-pakkett deċiż fil-bażi legali u huma konsistenti b'mod sħiħ mal-limiti tat-IIA***". Għalhekk biex tagħmel id-dispożizzjonijiet tal-baġit tagħha, il-Kummissjoni Ewropea evalwat il-bżonnijiet tal-baġit u qieset id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-2005, id-dispożizzjonijiet tal-prospettiva finanzjarja 2007-2013 u l-IAA, l-ammonti dovuti fil-programmi li se jagħlqu taħt il-perjodu ta' pprogrammar 2000-2006 u s-sejthiet għall-pagament bil-quddiem li x'aktarx isiru għall-perjodu kurrenti. Għalhekk iż-żieda ta' 2.5% fl-impenji għall-Fondi Strutturali għall-2009 għal total ta' EUR 48.413.9 miljun filwaqt li d-dispożizzjonijiet għall-pagamenti jonqsu bi 13.9% għal EUR 34.914.1 miljun.

Il-bżonn għad-dixxiplina kontinwa fil-baġit u t-tnaqqis pan-Ewropew fl-investment pubbliku biddel l-enfasi fuq il-bżonn li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għal:

- Skemi netti għall-ħolqien tax-xogħol;
- L-indirizzar tal-esklużjoni soċjali;
- L-iżvilupp tal-ekonomija bbażata fuq l-għerf.

Fuq dan il-punt il-Kummissjoni Ewropea tgħidilna<sup>1</sup> li għall-perjodu 2007-2013 huwa mistenni li total ta' 775 000 impjeg se jinholq skont l-għan tal-Konverġenza u l-għan tal-Kompetittività u l-impjeggi.

Huwa dan l-approċċ, li se jkun il-kejl biex jitqies is-suċċess tal-politika Reġjonali matul ir-reviżjoni intermedja li se ssir fl-2009 u huwa fil-kuntest tal-fatt li tiġi indirizzata l-problema tal-esklużjoni soċjali, li għandu jitqies il-proġett pilota propost. Matul l-2009 l-Kummissjoni kienet qed issegwi l-perjodu ta' pprogrammar u l-għeluq tal-programmi u proġetti kif ukoll teżamina l-impatt li kellha l-politika matul dan il-perjodu. Sirna nafu li matul il-perjodu ta' referenza, ir-reġjuni tal-Objettivi 1 u 2 tal-ERDF marru tajjeb ħafna fil-miri tat-tkabbir u l-konverġenza. B'mod partikolari, il-GDP għar-reġjuni tal-Objettiv 1 żdied minn 64% tal-medja tal-15 tal-UE fl-1995 għal 70% fl-2003. Bħal fl-2008 it-tqassim tal-approprijazzjonijiet imwiegħda fl-2009 huwa proviżorju u bbażat fuq dejta storika tal-perjodu ta' pprogrammar 2000-2006. Madankollu, il-Kummissjoni Ewropea hija b'mod ċar l-unika istituzzjoni li għandha aċċess għall-informazzjoni meħtieġa biex teżamina l-ħtiġijiet kollha tal-baġit u huwa għal din ir-raġuni li r-rapporteur tiegħek jipproponi li l-bidliet mhux ġustifikati introdotti mill-Kunsill fl-Abbozz tal-Baġit tiegħu għandhom jiġu rrettifikati b'mod immedjat mill-Parlament.

Kif kienet prattika stabbilita, l-ammont totali allokat għal kull sena jkun imwiegħed fil-bidu

tas-sena, li jħalli f'it li xejn wisa' lill-Parlament biex jipproponi proġetti pilota. Ir-rapporteur tagħkom jaf bil-ħafna attivitajiet li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri qegħdin jagħmlu favur il-gruppi żvantaġġjati, b'mod partikolari r-Roma. Madankollu huwa wkoll konxju tal-livell relattivament baxx ta' effikaċja u nuqqas ta' koordinazzjoni fil-livell pan-Ewropew li jikkonċerna l-attivitajiet immirati biex jgħinu l-integrazzjoni ta' dawn in-nies. L-istrateġija tal-UE għall-iżvilupp reġjonali stabbiliet diversi politiki orizzontali. L-iżvilupp tal-komunitajiet Roma huwa wieħed mill-aktar importanti f'dan ir-rigward. Enfasizzata fl-oqfsa strateġiċi nazzjonali rilevanti kollha, fl-Unjoni kollha hemm bejn wieħed u ieħor approċċ orizzontali għal din il-problema speċifika. Fl-istess ħin hemm nuqqas ta' koordinazzjoni strateġika u bdil ta' esperjenzi u prattiki tajbin bejn l-Istati Membri, u għalkemm kull pajjiż li jegħleb il-kwistjonijiet tal-iżvilupp tal-komunità Roma għandu l-partikularitajiet tiegħu, il-qalba tal-problema tibqa' l-istess.

Għalhekk l-għan tal-proġett pilota huwa li jittieħed approċċ ġdid għat-taħriġ u l-edukazzjoni tal-komunitajiet Roma li jibda mit-tfal tal-età ta' qabel l-iskola, jgħaddi mill-edukazzjoni ulterjuri għal ommijiet żgħar u jibqa' sejjer sat-taħriġ u l-edukazzjoni għall-adulti. Il-proġett pilota għandu jkun ibbażat fuq il-fehim attwali tal-problemi tal-komunitajiet Roma fl-Unjoni Ewropea, b'enfasi fuq l-ispettru kumpless u sinerġiku kollu tal-aħjar proċeduri f'dan ir-rigward. Hija l-fehma tar-rapporteur tagħkom li dan jista' jseħħ biss jekk jinħoloq approċċ koordinat pan-Ewropew.

Fl-aħħar nett, u fir-rigward tal-marġni żgħir ħafna li huwa eċċezzjonalment disponibbli fil-pakkett tal-assistenza teknika, jiena pproponejt li jitnaqqsu l-ammonti ta' krediti disponibbli fil-linja tal-baġit rilevanti (13.03.20) filwaqt li tiġi trasferita s-somma ta' EUR 5 miljun għal-linja l-ġdida tal-baġit li għandha tinħoloq bl-isem:

***Proġett pilota: attivitajiet pan-Ewropej għal metodi ta' integrazzjoni għar-Roma u l-koordinazzjoni tagħhom.***

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-Kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Huwa tal-fehma li l-ammonti għall-politika reġjonali mdaħħla fl-abbozz preliminari tal-baġit jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tal-Unjoni fl-isforzi tagħha biex tnaqqas id-differenzi reġjonali u biex tilħaq l-għanijiet ta' Liżbona u ta' Gothenburg; għaldaqstant jitlob li jinżammu l-linji baġitarji kollha tal-PDB jew, fejn ikun meħtieġ, jerġgħu jiġu kif kienu;
2. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward it-tnaqqis kbir, meta jitqabbel mal-2008, tal-fondi tal-ħlas allokati għas-sezzjoni li għandha x'taqsam mal-fondi strutturali u jistenna li l-Kummissjoni Ewropea tagħmel analiżi għida tas-sitwazzjoni bażika;
3. Jinnota, madankollu, li fiż-żewġ linji tal-baġit PDB tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) li għandhom x'jaqsmu b'mod partikolari mal-Objettiv tal-Kompetittività Reġjonali u l-Impjegi u l-Objettiv tal-Koperazzjoni Territorjali Ewropea, l-impenji tnaqqsu meta jitqabblu mal-2008; jišhaq fuq l-importanza li jingħataw rizzorsi adegwati lil dawn l-għanijiet li huma ċentrali għall-iżvilupp reġjonali; jitlob, għalhekk, għal żieda f'dawn l-impenji minn tal-inqas sal-livelli tal-PDB tal-2008, u li titqies ukoll ir-rata annwali tal-inflazzjoni;
4. Jenfasizza li l-Parlament jixtieq li tingħata attenzjoni speċjali fl-abbozz tal-baġit ġenerali għall-2009 lill-intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju kif ukoll lill-mikrointrapriżi, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu l-irwol tagħhom fl-iżvilupp reġjonali;
5. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq proġett pilota biex tittestja approċċ għid lejn it-taħriġ u l-edukazzjoni tal-komunitajiet Roma, li jibda mit-tfal tal-età ta' qabel l-iskola u jkompli bl-edukazzjoni ulterjuri ta' ommijiet żgħażaġħ, u li jkun jinkludi t-taħriġ u l-edukazzjoni tal-adulti, biex b'hekk jippermetti lir-Roma li jkunu awtosuffiċjenti fl-iżvilupp; jirrakkomanda li dan il-proġett pilota jkun ibbażat fuq il-fehim attwali tal-problemi tal-komunitajiet Roma fl-Unjoni Ewropea u jagħmel enfasi fuq il-firxa kumplessa u sinerġetika kollha tal-aqwa proċeduri f'dan ir-rigward.
6. Jistieden lill-Kummissjoni biex timplimenta proġett pilota maħsub biex jipromwovi l-għerf dwar il-politika reġjonali Ewropea u l-esperjenza tagħha fil-pajjiżi terzi permezz tal-organizzazzjoni ta' avvenimenti internazzjonali, it-twaqqif ta' networks tal-partiċipanti reġjonali u lokali, l-iżvilupp ta' proġetti konġunti u ta' sħubijiet reġjonali ġodda, kif ukoll l-iskambju ta' prattiki tajba; iqis li dan il-proġett pilota se jkun importanti ħafna biex jiġu promossi l-valuri tal-Unjoni Ewropea u tal-politika tal-koeżjoni permezz ta' dan id-djalogu reġjonali; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tikkollabora mal-Forum Globali tal-Assoċjazzjonijiet tar-Reġjuni (FOGAR) u l-Bliet u l-Gvernijiet Lokali Maġħquda (UCLG) sabiex ikunu garantiti l-komplementarjetà u s-sinerġija tal-azzjonijiet rispettivi tagħhom f'dan il-qasam;
7. Jistieden lill-Kummissjoni biex timplimenta proġett pilota bil-għan li jiġi żviluppat programm Erasmus għal rappreżentanti eletti lokalment biex jikkontribwixxi fl-iskambju

ta' prattiki tajba f'dak li għandu x'jaqsam mat-tmexxija, u għaldaqstant iniedi proċess ta' taqħlim kontinwu għall-parteċipanti kollha kkonċernati, b'mod speċjali dawk eletti mill-amministrazzjonijiet reġjonali u lokali; jirrakkomanda, f'dan il-każ, li l-politiki reġjonali u urbani jitqiegħdu fi strateġija ta' żvilupp integrat, ħaġa li, madankollu, tkun possibbli biss jekk it-tmexxija titjieb.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	9.9.2008
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 48 -: 2 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Emmanouil Angelakas, Stavros Arnaoutakis, Elspeth Attwooll, Jean Marie Beaupuy, Rolf Berend, Victor Boştinaru, Wolfgang Bulfon, Giorgio Carollo, Antonio De Blasio, Petru Filip, Gerardo Galeote, Iratxe García Pérez, Eugenijus Gentvilas, Ambroise Guellec, Gábor Harangozó, Marian Harkin, Jim Higgins, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Mieczysław Edmund Janowski, Rumiana Jeleva, Gisela Kallenbach, Tunne Kelam, Evgeni Kirilov, Miloš Koterec, Constanze Angela Krehl, Florencio Luque Aguilar, Sérgio Marques, Yiannakis Matsis, Miroslav Mikolášik, James Nicholson, Lambert van Nistelrooij, Jan Olbrycht, Maria Grazia Pagano, Maria Petre, Markus Pieper, Pierre Pribetich, Giovanni Robusti, Wojciech Roszkowski, Elisabeth Schroedter, Grażyna Staniszewska, Catherine Stihler, Margie Sudre, Andrzej Jan Szejna, Kyriacos Triantaphyllides, Oldřich Vlasák
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Brigitte Douay, Den Dover, Emanuel Jardim Fernandes, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Eleonora Lo Curto, Zita Pleštinská, Iuliu Winkler
<b>Sostitut(i) skond l-Artikolu 178 (2) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	